**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 134 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**George Schembri**

**Omissis**

Illum 20 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant George Schembri detentur tal-karta tal-identità numru 9066G, li flimkien ma' Omissis gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta' April 2018 u fil-granet ta' qabel gewwa l-istabbiliment bl-isem Neptune Restaurant and Lounge li jinsab gewwa Triq il-Port, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex, li:

1. Minghajr ma kellhom licenzja, mexxew xi attività turistika jew ippermettew li xi attività turistika titmexxa minn jew fil-proprjetà li taghha huma sid jew koproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxew dik l-attività li kieku kellhom licenzja valida;
2. Meta kellhom licenzja, naqsu li jharsu xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni, jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja;
3. U aktar bhala persuna jew persuni li f'isimhom ghandhom il-licenzja tal-hanut bl-isem Neptunes Restaurant and Lounge li jinsab fi Triq il-Port, Marsalforn,

Zebbug, Ghawdex, ippermettew lil Lorraine Spiteri Singh u Amandeep Singh jaghmluha ta' sostitut taghhom minghajr licenzja mill-Artiklu 21 L.S.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat Omissis mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu stante illi dawn ma jirrizultawx, wara li rat l-Artikolu 43 (1) (a) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69).

In oltre, il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat George Schembri mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu stante illi dawn ma jirrizultawx, wara li rat l-Artikolu 43 (1) (b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant George Schembri, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-10 ta' Awwissu 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tal-24 ta' Lulju 2020 in kwantu l-appellant instab hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u alternattivament u fl-eventwalità illi l-Qorti ssib htija, tirriformaha kwantu ghall-piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant George Schembri huma s-segwenti u cioè:-

**<u>L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġi meta inġustament sabet lill-esponenti ħati tat-tieni imputazzjoni</u>:**

Illi hekk kif irriżulta mill-atti esebiti mill-koimputat Francis Schembri, l-esponenti flimkien mal-istess Francis Schembri ġew spussessati mill-istabbiliment de quo u ġew imwaqqfa milli jaċċedu ġewwa fih.

Illi bħala stat ta' fatt l-esponenti fid-dati tal-akkuża u ċioè **f'April 2018 u fil-ġranet ta' qabel** ma kellu ebda kontroll fuq l-istabbiliment u dan l-istabbiliment kien qed jiġi

ġestit biss mill-koppja Singh kontra r-rieda tiegħu u ad esklużjoni tiegħu. Ġja la darba l-istabbiliment kien qed jiġi ġestit kontra l-kunsens u rieda tiegħu u huwa ma kien bl-ebda mod parteċipi għall-ġestjoni tal-attività turistika, l-esponenti ma għandux jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni u dan peress li **f'dawn id-dati** huwa ma naqasx bl-ebda mod milli ma jharisx xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni tal-licenzja tieghu jew ta' xi dispozizzjoni ta' xi ligi.

Illi l-Perit Legali ma huwiex korrett meta jikkonkludi li l-ewwel darba li l-esponenti u ħuh ħadu passi sabiex iwaqqfu l-illegalitajiet maħluqa mill-koppja Singh kien f'April 2018. F'April 2018 sar Mandat ta' Inibizzjoni liema mandat kien anċillari għall-kawża li kienet diġà ġiet intavolata s-sena ta' qabel, senjatament f'Diċembru tal-2017. Tant hu hekk li inter alia dan il-Mandat ġie miċħud minħabba li ġja kien hemm din il-kawża għaddejja li kienet tirrigwarda l-istess materja tal-Mandat.

Illi fil-kawża istitwita f'Diċembru 2017 il-Qorti intalbet tiżgombra lill-koppja Singh minn ġewwa l-istabbiliment li kienu qed jiġġestixxu illegalment ad esklużjoni tal-esponenti.

Apparti dawn il-proċeduri ċivili l-esponenti saħansitra irrikorra għand il-Pulizija għall-intervent tagħhom billi flimkien ma' ħuh ressqu kwerela fejn fiha iddenunzjaw lill-koppja Singh.

Dan l-istat ta' fatt ikompli jitfa' dawl li kuntrarjament għal dak li kkonkluda l-Perit Legali, l-esponenti kien qed jipprova jagħmel minn kollox sabiex iwaqqaf l-abbuż maħluq mill-konjuġi Singh.

Illi r-Regolament 4 (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja jaqra "meta detentur tal-licenzja jkun irid iqabbad operatur biex imexxi l-attività turistika, kollha jew parti minnha, huwa ghandu jikseb l-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità". Mis-suespost gie ppruvat li f'April 2018 u fil-granet ta' qabel hekk kif akkuzat mill-Pulizija Ezekuttiva, l-esponenti ma riedx lill-koppja Singh joperaw l-istabbiliment u b'hekk l-element rikjest taht dan ir-Regolament ma giex sodisfatt sabiex l-imputazzjoni tirnexxi fil-konfront tieghu.

Illi mhuwiex ekwu u ġust li l-esponenti jiġi ppenallizzat minħabba li terzi persuni ħadu l-liġi f'idejhom u kkapparraw post li tiegħu huwa kien liċenzjat. Ta' dan l-abbuż għandhom iwieġbu biss il-konjuġi Singh.

Illi lanqas ma huwa ġust illi wara li kien l-esponenti stess li rrikorra għand il-Pulizija Eżekuttiva għall-għajnuna u intervent tagħhom huwa qed jiġi kkastigat għal reat li wettaq ħaddieħor.

Semghet il-partijieti jittattaw il-kaz u dan fl-ahhar seduta qabel ma dinil-kawza giet differeita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-Pulizija intavolaw il-proceduri odjerni kontra Francis Schembri u kontra l-appellant George Schembri wara li Francis Schembri kien irraporta li min kien hemm fir-restaurant bl-isem 'Neptunes Restaurant and Lounge' ma kellux licenza ta' sostitut[1].

2. Jirrizulta l-licenzja ta' Neptunes Restaurant mal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta kienet f'isem l-appellant George Schembri;

3. Il-Pulizija kienu rrikkorrew fuq il-post u sabu lil certu Lorraine Spiteri Singh u Amandeep Singh li ma ghandhomx licenza ta' sostitut[2];

4. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet in kwistjoni;

5. L-Ewwel Qorti sabet htija tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' George Schembri.

Illi l-appell tal-appellant huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-fatti u tal-ligi li ghamlet l-Ewwel Qorti meta sabet htija tat-tieni (2) imputazzjoni. Jissottometti li hekk kif irrizulta mill-atti esebiti mill-koimputat Francis Schembri, l-esponenti flimkien mal-istess Francis Schembri gew spussessati mill-istabbiliment de quo u gew imwaqqfa milli jeccedu gewwa fih. Li fid-dati tal-akkuza u cioe' f'April 2018 u fil-granet ta' qabel ma kellu ebda kontroll fuq l-istabbiliment u dan l-istabbiliment kien qed jigi gestiti biss mill-koppja Singh kontra r-rieda tieghu u ad eskluzjoni tieghu. Jissottometi li gialadarba l-istabbiliment kien qed jigi gestit kontra l-kunsens u rieda tieghu u huwa ma kien bl-ebda mod partecipi ghal gestjoni tal-attivita turistika, l-esponent ma ghandux jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni u dan peress li f'dawn id-dati huwa ma naqasx bl-ebda mod milli ma jharisx xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni tal-licenza tieghu jew ta' xi dispozizzjoni ta' xi ligi.

---

[1] Skont dak li jirrizulta mill-affidavit PS 1061 J. Zammit a fol 3 kien Francis Schembri li prezenta l-kwerela, izda din il-kwerela baqghet ma gietx prezentata fl-atti.
[2] Skont l-istess affidavit ta' PS 1061 J. Zammit a fol 3.

Jissottometti li l-Perit Legali ma huwiex korrett meta jikkonkludi li l-ewwel darba li l-appellant u huh hadu passi sabiex iwaqqfu l-illegalitajiet mahluqa mill-koppja Singh kien f'April tas-sena elfejn u tmintax (2018). Jissottometti li f'April tas-sena elfejn u tmintax (2018) sar mandat ta' inibizzjoni liema mandat kien ancillari ghal kawza li kienet diga giet intavolata s-sena ta' qabel, senjatament f'Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Li l-mandat gie michud minhabba li gja kien hemm din il-kawza ghaddejja li kienet tirrigwarda l-istess materja tal-mandat. Illi fil-kawza istitwita f'Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-Qorti intalbet tizgombra lil koppja Singh minn gewwa l-istabbiliment li kienu qed jigestixxu illegalment ad eskluzjoni tal-appellant. Jissottometti li huwa anke irrikorra ghand il-pulizija ghal intervent taghhom billi flimkien ma huh ressqu kwerela fejn fiha iddenunzjaw lil koppja Singh. Li dan l-istat ta' fatt ikompli jitfa' dawl li kuntrarjament ghal dak li kkonkluda l-Perit Legali, l-appellant kien qed jipprova jaghmel minn kollox sabiex iwaqqaf l-abbuz mahluq mill-konjugi Singh.

Jaghmel referenza ghal dak li jipprovdi r-regolament 4(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja u jghid li f'April 2018 u fil-granet ta' qabel hekk kif akkuzat, ma riedx lill-koppja Singh joperaw l-istabbiliment u b'hekk l-element rikjest taht dan ir-regolament ma giex sodisfatt sabiex l-imputazzjoni tirnexxi fil-konfront tieghu.

Jissottometti li mhuwiex ekwu u gust li l-appellant jigi ppenalizzat minhabba li terzi persuni hadu l-ligi f'idejhom u kkapparraw post li tieghu huwa kien licenzjat. Jghid li ta' dan l-abbuz ghandhom iwiegbu biss il-konjugi Singh u li lanqas ma huwa gust li wara li kien l-appellant stess li rrikorra ghand il-Pulizija Ezekuttiva ghall-ghajnuna u intervent taghhom, huwa qed jigi kkastigat ghal reat li wettaq haddiehor.

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti sabet htija tat-tieni (2) imputazzjoni fil-konfront tal-appellant George Schembri. Din l-imputazzjoni taqra '*meta kelkom licenzja, inqastu li tharsu xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kundizzjoni , restrizzjoni ,jew limitazzjoni , ohra li ghaliha tkun sugetta l-licenzja.*'

Il-Qorti sabet htija taht l-artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar Servizzi tal-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta. Dan jaqra li:

'*(1) Kull min-*'

'*(b) meta jkollu liċenza, jonqos li jħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġġetta l-liċenza*'

ikun hati ta' reat.

Din il-Qorti sejra in succint taghmel referenza ghal provi prodotti.

**PS 1061 J. Zammit** xehed permezz tal-procedura tal-affidavit. Huwa spjega li fis- 26 ta' April ,2018 waqt li kien xoghol l-Ghassa tar-Rabat ghal habta ta' 16:30hrs gie infurmat mill-Ispettur Bernard Spiteri biex jaghmel spezzjoni gewwa l-istabbiliment bl-isem Neptunes Restaurant and lounge li jinsab triq il-Port Marsalforn. Dan minhabba li Francis Schembri prezenta kwerela li min hemm gewwa dan il-hanut ma ghandux licenza ta' sostitut. Mar fuq il-post fejn kien hemm certu Lorraine Spiteri Singh u Amandeep Singh fejn dawn gew infurmati bir-rapport li sar. Li dawn stqarrew li huma ma ghandhomx licenza ta' sostitut. Huma gew infurmati li se jittellew il-Qorti. F'din l-affidavit iddikjara li l-licenza tal-hanut qieghda f'isem George Schembri fejn dan ma kienx hemm prezenti.

L-Ewwel Qorti fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2018 innominat lil **Dr. Jean Paul Grech** bhala Perit Legali sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament, jigbor id-dokumenti kollha u jaghmel access jekk ikun hemm bzonn u jirrelata lil Qorti. Ir-rapport ta' Jean Paul Grech gie esebit bhala Dok JPG1 fis-seduta tal- 24 ta' Lulju , 2020.

Quddiem il-Perit Legali Dr Jean Paul Grech xehdet **Christine Vella**, Senior Head tal-MTA Gozo fit- 18 ta' Dicembru 2018 fejn spjegat li l-MTA hija responsabbli biex tohrog il-permessi tal-bars u r-ristorants. Dwar il-kundizzjonijiet tan-Neptunes Restaurant esebiet Dokument CV1 u CV2 kopja tal-licenzji, precizament l-bar licence u r-ristorant licence. Spjegat li fihom hemm wkoll indikat il-kundizzjonijiet tas-sub-licence. Fost l-ohrajn hemm imnizzel il-permessi dwar mwejjed u siggijiet, li jista' jibqa' miftuh bhala operations sal-erbgha ta' filghodu. Il-licenza qieghda f'isem George Schembri. Li l-licenza tal-elfejn u tmintax (2018) ghadha mhix imhallsa u esebiet l-invoice li ghadha dovuta immarkata bhala Dokument CV3. Li fis-sitta (6) ta' Dicembru regghu baghtu nota tal-licensee li hija overdue li giet immarkata bhala Dokument CV4. Mistoqsija jekk sa issa l-permess ghadux hemm anke minhabba l-fatt li l-licenzja ghadha ma thallsitx qalet li iva l-licenzja ghada hemm pero' l-Awtorita' qieghda f'tahdidiet mal-Avukati taghha rigward x'azzjonijiet jistghu jittiehdu f'dan ir-rigward.

Qalet li fuq il-hanut Neptunes ma hemm l-ebda substitute li huwa registrat ghaliex kieku dan johrog mill-licenzja. Esebiet ukoll ittra li ntbaghtet mill-Avukati taghhom lil Dr Damian Bigeni ghan-nom ta' George u Francis Schembri bhala CV5. F'din l-ittra qeghdin iwiegbu lil Dr Bigeni ghaliex hu kien infurmahom li hemm dizgwid ma' terzi li qeghdin fir-ristorant. Spjegawlu li George Schembri bhala licensee jibqa' responsabbli tal-post u ma jistax jezonera lilu nniffsu mill-obbligazzjonijiet tal-ligi. Infurmawh biex immedjatament il-klijent tieghu jirregola ruhu billi jiehu hsieb jirregistra lil min ghandu fil-hanut bhala substitute.

In kontro-ezami qalet li l-operatur irid jiffirma l-applikazzjoni tas-substitute u din ma saritx. L-applikazzjoni ma gietx sottomessa. Li mhux suppost li persuna tkun fir-ristorant u ma tkunx registrata. Ghalhekk infurmaw lil licensee li kien qed jikser il-ligi. Anke l-operatur gie infurmat li kien qieghed jikser il-ligi, it-tnejn li huma.  Esebiet kopja tal-ispezzjoni li saret fil-fond Neptunes bhala Dokument CV 6.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem il-Perit Legali id-difiza ddikjarat li **George Schembri** mhux sejjer jixhed. Il-Ko-imputat **Francis Schembri** xehed f'din is-seduta. Din il-Qorti izda hija prekluza milli taghmel referenza ghax-xhieda u ghad-dokumentazzjoni prezentata minn Francis Schembri u dan in linea mal-principju legali li dak li jistqarr ko-imputat ma jiswiex fil-konfront ta' ko-imputat iehor. Huwa minnu li fir-rikors tal-appell Goerge Schembri stess jaghmel referenza ghal dokumentazzjoni prezentata minn Francis Schembri izda din il-Qorti tqis li f'kaz li huwa xtaq li dawn id-dokumentazzjoni jiswew anke fil-konfront tieghu, kellu jkun hu li jipprezenta tali dokumenti.  Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra x-xhieda tal-ko-imputat Francis Schembri moghtija kemm  fid-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019).

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2019 quddiem il-Perit Legali fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Lorraine Spiteri Singh Amandeep Singh**', **John Bonnici** bhala rapprezentant tal-MTA li xehed li prezenta l-pjanti tan-Neputes Bar and Restaurant bhala Dokumenti JBX 1 sa JBX 3[3] u cioe' l-unici pjanti ta' gewwa tan-Neptunes Bar li ghandhom fil-file. Il-partijiet kienu qablu li x-xhieda ta' John Bonnici mehuda fil-kawza bin-numru 233/2018 ghandha wkoll tghodd ghal din il-kawza.

Ghalkemm fir-rapport ta' Dr Jean Paul Grech hemm ukoll ix-xhieda ta' Lorraine Spiteri moghtija fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Lorraine Spiteri Singh Amandeep Singh'**, fil-verbali tas-seduti ma giex dikjarat li anke din ix-xhieda tapplika ghal kaz odjern.  Ghalkemm il-Perit Legali fir-rapport tieghu senjatament a fol 22 tal-atti processwali u f'pagna 2 tar-rapport tieghu spjega li fis-seduta tad- 9 ta' Mejju, 2019 '*Il-partijiet qablu wkoll illi x-xhieda ta' John Bonnici in rappreżentanza tal-Awtorita' Maltija dwar it-Turiżmu u ta' Lorraine Spiteri Singh, li tinsab fil-proċess Il-Pulizija vs Lorraine Spiteri Singh et (Każ Nru 233/2018) għandha tiġi wkoll inserita f'dan il-process;*' jirrizulta li n-nota li tinstab fil-verbal tal-imsemmija seduta fil-kawza odjerna fir-rapport tal-Perit Legali tiprovdi li l-partijiet qablu li x-xhieda ta' John Bonnici mehuda illum stess fil-kawza numru 233/2018 ghandha wkoll tghodd ghal din il-kawza. Izda ma hemmx indikat f'dan il-verbal li anke x-xhieda moghtija minn Lorraine Spiteri Singh

[3] Jirrizulta izda li fl-atti zewg pjanti biss gew prezentati minn dan ix-xhud.

fil-proceduri kontra taghha ghandha tapplika ghal proceduri odjerni. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex qieghda tqis u lanqas ma hija sejra taghmel referenza ghax-xhieda ta' Lorraine Spiteri.

L-**Ispettur Josef Grech** xehed fis-seduta tas- 17 ta' Mejju, 2019 quddiem il-Perit Legali u esebixxa kopja tal-okkorrenza bir-referenza 10/Z/4556/2017, liema okkorrenza hija imdahhla mill-eks Surgent 1233 John Attard u ikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rapport bil-gurament tieghu. Iddikjara li ma ghandu xejn aktar x'izid ma' dak li nizzel is-Surgent. Dan gie immarkat bhala Dokument JG 1.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Illi d-dati mertu tal-imputazzjoni huma s- 26 ta' April 2018 u fil-granet ta' qabel. Jirrizulta mix-xhieda permezz tal-affidavit ta' Ps 1061 J. Zammit a fol 3 li dak inhar kien gie infurmat mill-Ispettur Bernard Spiteri biex jaghmel spezzjoni gewwa l-istabbiliment bl-isem Neptunes Restaurant and Loung li jinsab Triq il-Port, Marsalforn. Saret spezzjoni fl-istabbiliment in kwistjoni u instab li Lorraine Spiteri Singh u Amandeep Singh ma kellhomx licenza ta' sostitut. Skont l-affidavit ta' Ps 1061 J. Zammit l-ispezzjoni saret wara li kien irraporta Francis Schembri li min hemm gewwa dan il-hanut ma ghandux licenza ta' sostitut. Il-kwerela izda baqghet ma gietx prezentata fl-atti. Ghalhekk minkejja li l-appellant jghid li hu flimkien ma huh Francis Schembri kienu ghamlu kwerela, ma jirrizultax car jekk din il-kwerela saritx minn l-appellant George Schembri ukoll.

Mix-xhieda ta' quddiem il-Perit Legali, Christine Vella bhala Senior Head tal-MTA fis-seduta tat- 18 ta' Dicembru 2018 irrizulta li ma hemm l-ebda applikazzjoni ghal substitute u li l-licenza tas-sena 2018 ghada mhijiex imhallsa ghalkemm din hija f'isem George Schembri. Jirrizulta filfatt minn Dok CV2 a fol 43 li George Schembri huwa indikat bhala l-licencee ta' Neptunes Restaurant.

F'ittra datata l-24 ta' April 2018 fuq bazi ta' minghajr pregudizzju li hija mmarkata bhala Dok CV5 a fol 48 et sequitur mibghuta minn Avv. Maria Lisa Buttigieg ghan-nom tal-Awtorita' ta' Turizmu ta' Malta u indirizzata lil Av. Damien Bigeni in segwitu ta' ittra mibghuta ghan-nom ta' George u Francis Schembri saret referenza ghar-regolament 4(4) tal-Ligi Sussidjarja 409.08 u cioe' li detentur tal-licenza ghandu jipprovdi l-informazzjoni relattiva u l-kunsens tal-Awtorita' minn qabel sabiex jirregistra operatur. Li l-fatt li l-klijenti tieghu u cioe' George u Francis Schembri naqsu milli jirregistraw tali operaturi hu fih innifsu ksur tal-ligi.

F'Memo prezentata a fol 50 bhala Dok CV6 ukoll prezentata minn Christine Vella tnizzel minn John Bonnici minn Malta Tourism Authority li saret spezzjoni sorpriza f'Neptunes

Restaurant fid- 9 ta' Marzu, 2018 minn John Bonnici[4] u Adrian Spiteri[5] biex jaraw minn qieghed prezentement joperaw dan il-post u dan wara li l-Awtorita' rceviet ittra legali minn George u Francis Schembri. Fl-ispezzjoni sabu lil Lorraine Spiteri u lil Amandeep Singh fejn irrizulta li t-tnejn jirrizultaw li huma operaturi kurrenti ta' Neptunes Restaurant u li mhumiex imnizzla bhala operaturi mal-MTA.

L-ittra legali mibghuta minn George u Francis Schembri versu l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta baqghet ma gietx ipprezentata fl-atti.

F'Dok CV3 u cioe' l-licenza tar-restaurant senjatament a fol 45 hemm imnizzel li '*The licence, when issued, shall be under the following conditions:-*'

'*(a) The licensee' abides with the provisions of the laws and regulations of the Malta Tourism Authority, the Malta Resources Authority as well as with other relevant laws and regulations currently in force in Malta.*'

Illi l-Ewwel Qorti strahet fuq ir-rapport tal-Perit Legali meta sabet htija tat-tieni (2) imputazzjoni. Kif tajjeb tqis, l-artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta jattribwixxi responsabbilita kriminali lil licence holder li ma jirrispettax xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenza. Li kif xehdet Christine Vella Senior Head tal-MTA Gozo in kontro-ezami '*Mhux suppost li persuna tkun fir-ristorant u ma tkunx registrata. Ghalhekk infurmajna lil-licensee li kien qed jikser il-ligi...*'

Ir-regolament 4(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08 jaqra:

'*(a) Meta* ***<u>detentur ta' liċenza jkun irid iqabbad operatur biex imexxi l-attività turistika, kollha jew parti minnha, huwa għandu jikseb l-approvazzjoni minn qabel ta' l-Awtorità</u>****.*

*(b) Jekk l-operatur ta' attività turistika, jew ta' parti minnha, huwa differenti mid-detentur tal-liċenza, dak id-detentur għandu jissottometti l-informazzjoni dwar l-operatur lill-Awtorità u għandu wkoll jinforma lill-Awtorità meta l-operatur jinbidel:*

*Iżda jekk l-attività turistika, jew parti minnha, tkun taħt il-kontroll uniku u esklużiv ta' l-operatur għal xi perjodu kopert mil-liċenza, ir-responsabbiltà ta' l-operatur skond il-liġi għandha tkun daqs dik tad-detentur tal-liċenza:*

*Iżda wkoll tkun il-kompetenza ta' l-Awtorità li tipproċedi kemm kontra d-detentur tal-liċenza jew l-operatur, jew it-tnejn li huma, dwar dan li ġej:*

[4] John Bonnici f'dawn il-proceduri ma xehdx dwar din l-ispezzjoni.
[5] Adrian Spiteri ma xehdx f'dawn il-proceduri.

*(i) kontravvenzjonijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-Att jew ta' regolamenti maħruġa taħt l-istess Att;*

*(ii) drittijiet ta' liċenzi mhux imħallsa jew kontribuzzjonijiet dovuti lill-Awtorità skond kull liġi;*

*(ċ) Meta applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenza ssir minn korp magħqud, l-Awtorità għandha toħroġ dik il-liċenza f 'isem il-korp magħqud li jkun qed jagħmel l-applikazzjoni u tkun ir-responsabbiltà tal-korp magħqud li jkun qed jagħmel dik l-applikazzjoni li jissottometti lill-Awtorità d-dettalji ta' l-operatur.*

*(d) Meta l-liċenza tkun ser tinħareġ f 'isem korp magħqud, il-persuna li tkun qed titlob il-ħruġ ta' dik il-liċenza għandha tipprovdi lill-Awtorità bid-dettalji tal-persuna fiżika li tkun ser tirrappreżenta lill-korp magħqud fil-kuntratti kollha tal-korp ma' l-Awtorità. Il-persuna hekk indikata għandha għall-finijiet u skopijiet ta' l-Att u ta' regolamenti maħruġin taħt l-Att, tkun solidalment responsabbli flimkien mad-detentur tal-liċenza għal dan kollu li ġej:*

*(i)kontravvenzjonijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-Att jew ta' regolamenti maħruġin taħt l-istess Att;*

*(ii) drittijiet ta' liċenzi mhux imħallsa jew kontribuzzjonijiet dovuti lill-Awtorità skond kull liġi:*

*Iżda l-persuna nominata għandha tikkonferma r-responsabbiltà tagħha billi tiffirma u tippreżenta l-applikazzjoni tagħha fuq formula kif imiss lill-Awtorità, u tinforma lill-Awtorità meta dik ir-responsabbiltà tieqaf.*

*(e) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (d) għandhom japplikaw, fit-totalità tagħhom, f'sitwazzjonijiet fejn l-operatur jew l-attività turistika jew parti minnha, ikunu korp magħqud.*

*(f) Meta d-detentur tal-liċenza ma jippreżenta ebda informazzjoni dwar l-ingaġġar ta' operatur, kif meħtieġ skond dan ir-regolament, id-detentur tal-liċenza għandu, f'kull każ, ikun hu waħdu responsabbli biex jikkonforma mad-disposizzjonijiet tal-liġi u tar-regolamenti maħruġin taħt l-istess liġi.'*

Ghalhekk meta detentur ta' licenza jkun irid iqabbad operatur biex imexxi l-attività turistika, kollha jew parti minnha, huwa ghandu jikseb **l-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità.** Dan ifisser li detentur ta' licenza jikkommetti reat jekk huwa ma jkunx kieseb l-approvazzjoni tal-Awtorita' minn qabel ma jqabbad operatur biex imexxi l-attivita' turistika.

Mill-atti irrizulta kemm mill-memo prezentata a fol 50 u mmarkata bhala Dok CV6 li meta saret spezzjoni fid-9 ta' Marzu 2018 instabu Lorraine Spiteri u Amandeep Singh fejn irrizulta li kienu l-operaturi kurrenti ta' Neptunes Restaurant izda li mhumiex imnizzla bhala tali mal-MTA. Filwaqt li jirrizulta mill-affidavit ta' Ps 1061 J. Zammit li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) waqt li kien xoghol l-Ghassa tar-Rabat giet infurmat biex jaghmel spezzjoni gewwa l-istabbiliment bl-isem 'Neptunes Restaurant and Lounge'. Spjega li mar fuq il-post fejn kien hemm certu Lorraine Spiteri Sinh u Amandeep Singh u li dawn stqarrew li huma ma ghandhoxm licenza ta' sostitut.

**<u>Ghalhekk George Schembri kien obbligat li huwa jitlob l-approvazzjoni tal-Awtorita' tat-Turizmu qabel ma jippermetti lil Lorraine Spiteri Singh u Amandeep Singh joperaw in-negozju.</u>**

L-argument ta' George Schembri imressaq fl-appell huwa li fid-dati tal-akkuzi u cioe' fis- 26 ta' April, 2016 u l-granet ta' qabel huwa ma kellu ebda kontroll fuq l-istabbiliment izda li dan l-istabbiliment kien qed jigi gestiti mill-koppja Singh kontra r-rieda tieghu u ad eskluzjoni tieghu. Jissottometti li stante li l-istabbiliment kien qieghed jigi gestit kontra l-kunsens tieghu u rieda tieghu u huwa ma kien bl-ebda mod partecipi ghal gestjoni tal-attivita turistika, huwa ma kellux jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni u dan peress li f'dawn id-dati huwa ma naqasx bl-ebda mod milli ma jharis xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni tal-licenza tieghu jew ta' xi dispozizzjoni ta' xi ligi. Li fid-dati tal-imputazzjoni huwa ma riedx lil koppja Singh joperaw l-istabbiliment u b'hekk skond l-appellant l-element rikjest taht ir-regolament 4(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja ma giex sodisfatt.

L-appellant ghalkemm fl-appell tieghu jaghmel referenza ghal proceduri istitwiti fil-konfront tal-koppja Singh, fl-atti huwa ma ressaqx prova ta' xi proceduri legali <u>li ha hu personalment</u> sabiex jigu zgumbrati Lorraine Spiteri Singh u Amandeep Singh. Kif inghad aktar kmieni f'din is-sentenza, il-Qorti ma tistax tikkunsidra provi mressqa minn ko-imputat u dan stante li huma jiswewx fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor. Ghalkemm kif saret referenza aktar kmieni f'din is-sentenza jirrizulta li l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta kienet irceviet ittra mibghuta ghan-nom ta' George u Francis Schembri u datata t- 30 ta' Jannar 2018, din baqghet ma gietx ipprezentata fl-atti izda seferenza ghaliha fl-ittra legali responsiva tal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta a fol 48 et sequitur immarkata bhala Dok CV5.

Illi din il-Qorti tqis li l-appellant George Schembri bhala detentur tal-licenza kellu l-obbligu li jitlob l-approvazzjoni tal-Awtorita' sabiex il-persuni li kienu qeghdin joperaw l-attivita' turistika u cioe' r-restaurant jigu approvati u imnizzla mal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta. Anke jekk l-appellant fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni u cioe' fis- 26 ta' April, 2018 u l-jiem

ta' qabel, ma riedx lil dawn il-persuni imexxu l-attivita' turistika, huwa kellu xorta wahda jirregistrahom mal-Awtorita' u ghalhekk jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu u dan minghajr pregudizzju ghall-azzjonijiet legali u civili li jista' jiehu fil-konfront ta' Lorraine Spiteri Singh u Amand Dee Singh[6]. Gialadarba rrizulta li fid-dati tal-imputazzjoni dawn il-persuni kienu ghadhom qeghdin joperaw l-attivita' turistika ifisser li l-appellant naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja u cioe' li jimxi skont il-ligijiet u r-regolamenti tal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament sabet htija tat-tieni (2) imputazzjoni.

L-appellant ma ressaqx aggravju dwar il-piena izda ghamel talba sabiex fl-eventwalita li l-Qorti ssib htija, tirriformaha kwantu ghal piena. Din il-Qorti tqis li l-piena imposta hija l-minimu tal-multa li tista' tigi imposta skont dak stabbilit mill-artikolu 43(1) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma hemmx lok li din tigi imnaqqsa.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' George Schembri u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fejn ma sabitx lil George Schembri hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet u tikkonferma fejn sabet lil George Schembri hati tat-tieni (2) imputazzjoni. Tikkonferma ukoll il-piena li George Schembri gie kkundannat fis-sentenza appellata.'

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratru

[6] Amand Dee Singh xi kultant fl-atti indikat bhala 'Amandeep Singh'